**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru : 549/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**GB**

**vs**

**LBC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' GB, datat 11 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, Gwardamangia (vide DOK BC1);*

*Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied, illum maggorenni, CBC ta' 27 sena u JPBC ta' 21 sena;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn-Nutar Dottor Sandra Grech Cordina datat hmistax (15) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tlettax (2013); (vide DOK BC2)*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u jghixu f'kontinenti differenti;*

*Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-partjiet kienu qablu li r-rikorrent jivversa somma ta' mitejn elf Euro (€200,000) bhala pagament lump sum li jinghata lill-konvenuta bhala manteniment ghal JP li kien ghadu minuri, liema somma fil-fatt inghatat kif miftiehem;*

*Illi l-partijiet kienu ddikjaraw li ma huwiex dovut manteniment fil-konfront ta' xulxin billi t-tnejn li huma kienu fl-impjieg;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal dan il-ghan mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi dehret l-intimata mhux assistita u gie spjegat lilha d-dritt li jkollha avukat u tirrispondi (Vide fol 22, verbal tal-1 ta' Frar 2019);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**LBG** xehedet permezz t'affidavit a fol 19 a fol 18 *et seqq* u permezz ta' *video conferencing* a

fol 28 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Marzu 1988 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-15 ta' Jannar 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehedet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum il-gurnata tnejn minnhom ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin sena, filwaqt li fir-rigward ta' JP li ghandu wiehed u ghoxrin sena, il-manteniment kien thallas bhala *lump sum* fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Xehedet illi ghalhekk m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**GB** xhed permezz ta' Skype Video Conference mizmum mill-assistenta Gudizzjarja Dr.Anne Marie Portelli u kkonferma u kkorobora max-xhieda ta' LBC.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tas-6 ta' Marzu 1988 (vide Dok BC1 a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Grech Cordina, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok BC2 a fol 4), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin. Il-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied li llum maggorenni;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti GB fil-verbal tal-1 ta' Frar 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha jkunu a karigu tar-rikorrenti B.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**